MALTA

# QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 159/2003

**Gordon Sammut**

**vs**

**Blanche Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Frar 2003 (a fol. 1 tal-process ) fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fis-27 ta' Mejju 2001 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi l-attur u l-konvenuta sseparaw legalment fl-10 ta' Settembru 2002;

Illi l-attur u l-konvenuta m’ghandhomx tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza`; **artikolu 19 (1) (a) - Kap 255**;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’qerq dwar kwalita` tal-parti l-ohra li fixklet serjament il-hajja mizzewga; **artikolu 19 (1) (c) – Kap 255**;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; **artikolu 19 (1) (d) - Kap 255**;

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg; **artikolu 19 (1) (f)**;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1) (a) (c) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngjunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika ghall-15 ta’ Ottubru 2003;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 16 ta’ Lulju 2003 (a fol. 13) fejn gie eccepit:

1. Illi ghalkemm hemm lok li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-eccipjenti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-imsemmi konvenut u l-lista tad-dokumenti esebiti (a fol. 15);

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta rikonvenjenti datata 16 ta’ Lulju 2003 (a fol. 16) fejn ippremetiet li:

Illi l-kunsens tal-konvenuta rikonvenjenti kien inkiseb b’qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista` mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens ta’ l-attur rikonvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghall-attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta’ l-**artikolu 19(1) (c) u/jew (d) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**;

Illi ghalhekk il-konvenuta talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fis-27 ta’ Mejju 2001 huwa null u bla effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta rikonvenjenti a fol. 25 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta rikonvenjenti (a fol. 18) tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 26 ta' Gunju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, dak ta' Maria Dolores Sammut u dak ta' George Sammut;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur a fol. 19 sa 25 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Kathleen Mizzi nfurmat lill-Qorti li l-affidavits ta' l-attur ma jinsabux fil-process, ghalkemm kienu ilhom pprezentati; inghata digriet ta' l-affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) jum u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 26 ta' Novembru 2003 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavits taghha stess, ta' Veneranda Camilleri u dak ta' Paul Camilleri;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-konvenuta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed isostni li z-zwieg tieghu huwa null peress li (a) l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat u ma kienx hieles peress illi ttiehed bi pressjoni socjali, familjari u biza`; (c) il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalita` illi fixklet serjament il-hajja mizzewga ta' bejn il-partijiet.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:

*19. (1) "B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

(a) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza`"*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazzjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza`.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne**

**mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira m'ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond* xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null;

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – 22 ta' Novembru 1982), u **"Silvana Sultana vs Dr Tanya Sciberras Camilleri noe et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002 - Cit Nru 547/00).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attur isemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (f) li jipprovdi** ukoll li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-
*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi ta’ l-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine”*** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-attur u konvenuta fil-kontro-talba taghha jirreferu wkoll ghall **artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

*“(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha*

*mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit. Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich*:-**

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of*

*children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ammess mill-attur fl-affidavit tieghu li wara xi snin ta' gherusija huwa kellu dubji kbar fuq ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta. Jghid li kien ser jhassar kemm-il darba, izda l-konvenuta kienet tipperswadih kull darba biex ma jaghmilx dan. Jghid li fil-fatt iktar ma' ghadda z-zmien aktar sabha difficli sabiex ihassar din ir-relazzjoni ghalkemm kien konvint li l-konvenuta ma' kenitx il-mara li ried iqatta' hajtu maghha. Dahal fiz-zwieg biss minhabba l-fatt li kienu xtraw il-post fejn joqghodu, kien saru familjari mal-genituri rispettivi, kienu ghamlu d-dejn mal-bank u mal-genituri taghhom, u ghalhekk l-istess attur sabha mpossibbli sabiex josrtika ruhhu minn dan kollu; jew ahjar it-tmiem tar-relazzjoni tieghu mal-konvenuta kien iwasslu sabiex jiffaccja kif kien ser isolvi dawn il-problemi u allura ghazel dak li ghalih kienet l-iktar triq facli u jhalli l-affarijiet mexjin, affarijiet li wasslu sabiex jizzewweg lill-konvenuta. Jidher li zzewweg persuna li certament ma kienx ihobb u fil-fatt l-hajja taghhom flimkien irrisolviet ruhha f'zewg stranieri jghixu flimkien fejn l-attur jghid li *"wara z-zwieg qatt ma kellna sess flimkien".* Jidher car li l-attur sforza ruhhu biex jizzewweg u certament dan mhux il-kunsens rikjest mill-ligi u ghalhekk hemm bazi ta' annullament imputabbli lill-attur abbazi ta' l-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi l-affidavit tal-konvenuta jikkonferma b'iktar dettal kemm l-attur ma' kien ppreparat bl-ebda mod li jassumi r-responsabilitajiet tieghu ta' ragel mizzewweg u fil-fatt jidher li kien ifittex modi ohra ta' konsolazzjoni. Tikkonferma li maghha qatt ma kkompleta l-att taz-zwieg u minn dan kollu jidher car ukoll li l-attur *a priori* eskuda li

josserva l-elementi essenzjali taz-zwieg u l-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-attur kien ghal kollox ukoll simulat u ghalhekk hemm bazi ta’ annullament anke abbazi ta’ l-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma kompatabbli ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talba attrici biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-attur.

Bl-ispejjez kollha ta’ din il-kawza kontra l-attur.

Illi rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta,** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta’ Mejju 2001 huwa null u bla effett abbazi ta’ l-artikolu **19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli biss lill-attur.

Illi l-ispejjez tal-kontro-talba jibqghu a karigu tal-konvenuta *stante* li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti tali kontro-talba saret inutilment ghaliex il-kaz ta’ annullament taz-zwieg seta` gie, u fil-fatt gie trattat abbazi tac-citazzjoni attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------